

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Il-Vittmi Ta' Delitti \(għalkemm Hawnhekk Tista' Tfisser Ukoll Tal-kriminalità\)](#)
> [Drittijiet Tal-vittmi - Skont Il-pajjiż](#) > [Finland](#)

Drittijiet tal-vittmi - skont il-pajjiż

Il-kontenut ipprovdut minn
Finlandja

Finlandja



Inti titqies bħala vittma ta' reat jekk kont vittma ta' att jew ommissjoni li jikkostitwixxi reat skont il-liġi Finlandiża. Bħala vittma ta' reat, għandek ċerti drittijiet qabel, waqt u wara l-proċedimenti tal-qorti.

Il-proċedimenti kriminali fil-Finlandja jibdew b'investigazzjoni ta' qabel il-proċess, ġeneralment imwettqa mill-pulizija. Matul dan l-istadju, jiġi stabbilit jekk fil-fatt twettaqx reat jew le, taħt liema ċirkostanzi seħħ u l-identità tal-partijiet ikkonċernati. Il-grad tad-dannu jew tal-ħsara kkawżat mir-reat u t-talbiet tiegħek bħala vittma jiġu eżaminati wkoll.

Jekk ikun hemm provi biżżejjed li twettaq att kriminali, il-prosekutur jippreżenta l-akkużi u jressaq il-każ quddiem il-qorti. Matul il-proċess, il-qorti teżamina l-provi u tikkundanna lill-allegat trażgressur jew inkella ssibu mhux ħati. Il-proċedimenti kriminali jistgħu jkomplu jekk waħda mill-partijiet tressaq appell quddiem qorti superjuri.

Il-links li ġejjin jipprovdulok informazzjoni rilevanti.

[1 Drittijiet bħala vittma ta' reat](#)

[2 Irrappurtar ta' reat u drittijiet tiegħi waqt l'investigazzjoni jew ilproċess](#)

[3 Iddrittijiet tiegħi wara lproċess](#)

[4 Kumpens](#)

[5 Iddrittijiet tiegħi f'dak li għandu x'jaqsam ma' appoġġ u assistenza](#)

L-aħħar aġġornament: 09/07/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

1 - Drittijiet bħala vittma ta' reat

X'informazzjoni se nirċievi mingħand l-awtorità wara li jseħħ ir-reat (pereż. mingħand il-pulizija, il-prosekutur pubbliku) iżda anki saħansitra qabel ma nirrapporta r-reat?

Il-fuljett "Id-drittijiet ta' vittma ta' reat", ippubblikat mill-Ministeru għall-Ġustizzja Finlandiż, jipprovdni informazzjoni dwar kwistjonijiet li l-vittmi ta' reat huma intitolati li jkunu infurmati dwarhom mill-awtoritajiet. Il-fuljett jispjega fil-qosor kwistjonijiet bħal kif tirrapporta reat, is-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi, l-għajnuna legali,

il-possibbiltà li tinkiseb protezzjoni, kif tfittex kumpens, id-dritt għal interpretazzjoni u traduzzjoni tad-dokumenti, u l-medjazzjoni f'każijiet kriminali. Il-fuljett li jista' jiġi stampat huwa maħsub għad-distribuzzjoni lill-vittmi u biex jappoġġa l-komunikazzjonijiet, partikolarment fix-xogħol tal-pulizija u ta' awtoritajiet oħra ta' investigazzjoni kriminali. Il-fuljett jista' jintuża wkoll minn awtoritajiet ġudizzjarji, servizzi ta' appoġġ għall-vittmi u oħrajn li jiġu f'kuntatt ma' vittmi ta' reat.

L-informazzjoni mogħtija lill-vittmi tista' tvarja skont il-bżonnijiet tagħhom, iċ-ċirkostanzi personali u t-tip jew in-natura tar-reat.

Jien ma ngħixx fil-pajjiż tal-UE fejn seħħ ir-reat (ċittadini tal-UE u dawk li mhumiex). Kif inhuma protetti d-drittijiet tiegħi?

Tista' tingħata appoġġ u pariri anki jekk ir-reat ikun twettaq f'pajjiż ieħor. Jekk sfajt vittma ta' reat fi Stat Membru ieħor tal-UE, l-awtorità tal-investigazzjoni kriminali, f'ċerti każijiet, tista' tittrasferixxi r-rapport tiegħek tar-reat jew investigazzjoni ta' qabel il-proċess diġà mibdija lill-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor tal-UE. Dan jista' jkun possibbli, pereżempju, jekk ir-reat ikun serju jew jekk ma stajt x tirrapporta r-reat fl-istat fejn twettaq. Fil-każ ta' reati serji, trasferiment barra l-UE jista' jiġi kkunsidrat ukoll.

Jekk inti vittma tat-traffikar tal-bnedmin, inti intitolat għas-servizzi tas-sistema ta' assistenza għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin anki jekk ir-reat twettaq f'pajjiż ieħor. Il-prosekutur jiddeċiedi jekk jiftaħx investigazzjoni qabel il-proċess jew le rigward reat suspettat li jinvolvi traffikar tal-bnedmin fil-Finlandja.

Jekk nirrapporta reat, x'informazzjoni se nirċievi?

Il-pulizija u l-awtoritajiet oħra ta' investigazzjoni kriminali jipprovdulek informazzjoni dwar servizzi ta' appoġġ għall-vittmi, kif tirrapporta reat, għajnuna legali, il-possibbiltà li tikseb protezzjoni, kif tfittex kumpens, id-dritt għal servizzi ta' interpretazzjoni u traduzzjoni, il-medjazzjoni f'każijiet kriminali, id-dritt li tikseb informazzjoni dwar is-smiġħ tal-kawża, id-dritt li tiġi nnotifikat dwar il-ħelsien tat-trażgressur mill-ħabs jew mill-arrest preventiv, kif tressaq ilment dwar il-kondotta tal-awtoritajiet, il-proċedura għall-vittmi ta' reat li ma jirrisjedux fil-pajjiż fejn twettaq ir-reat kriminali, u dettali ta' kuntatt għal kwalunkwe mistoqsija relatata mal-każ. Dawn id-drittijiet huma deskritti fil-fuljett "[Id-drittijiet ta' vittma ta' reat](#)".

L-informazzjoni deskritta hawn fuq tista' ma tkunx neċessarjament ipprovduta meta tirrapporta r-reat, speċjalment jekk tirrapporta r-reat b'mod elettroniku. Il-pulizija tinfirmak dwar dawn id-drittijiet meta tkun qed tiġi intervistat. L-awtorità tal-investigazzjoni dejjem tinfirmak jekk ir-rapport tiegħek ma jwassalx għal investigazzjoni ta' qabel il-proċess jew fil-każ li l-investigazzjoni ta' qabel il-proċess titwaqqaf jew tingħalaq.

Għandi dritt għal servizzi ta' interpretazzjoni jew traduzzjoni liberi (meta nikkuntattja lill-pulizija jew lil awtoritajiet oħrajn, jew matul l-investigazzjoni u l-proċess)?

Għandek id-dritt li tuża l-Finlandiż jew l-Iżvediż matul l-investigazzjoni ta' qabel il-proċess u l-proċess fih innifsu. Jekk int Sámi, għandek id-dritt li tuża l-lingwa Sámi fil-Patrija Sámi. L-awtoritajiet għandhom jipprovdu servizzi ta' interpretazzjoni kif meħtieġ. Jekk ma titkellimx il-lingwi uffiċjali tal-Finlandja, għandek id-dritt li tuża lingwa li taf fi kwalunkwe sitwazzjoni relatata mal-investigazzjoni tar-reat. Jekk meħtieġ, l-awtoritajiet għandhom jagħmlu l-arranġamenti għall-interpretar f'lingwa li taf. L-awtoritajiet għandhom jagħmlu l-arranġamenti għall-interpretar wkoll matul l-investigazzjoni u l-proċess f'każ li inti tuża l-lingwa tas-sinjali jew jekk għandek bżonn interpretazzjoni minħabba difett sensorju jew fid-diskors. L-interpretu għandu l-obbligu ta' segretezza. It-tariffa tal-interpretu titħallas mill-istat.

Tista' titlob traduzzjoni ta' ċerti dokumenti ewlenin. Tista' tiġi pprovduta traduzzjoni orali jekk ma tkunx meħtieġa traduzzjoni bil-miktub tad-dokument għall-protezzjoni legali tiegħek. F'xi każijiet, tista' tingħata biss traduzzjoni parzjali jew sommarju tad-dokument.

Matul l-investigazzjoni ta' qabel il-proċess, għandek id-dritt li tirċievi traduzzjoni tal-konferma bil-miktub tar-rapport tiegħek tar-reat, ta' deċiżjoni li twaqqaf l-investigazzjoni u, jekk meħtieġ, ta' kwalunkwe dokument ieħor

essenzjali għall-każ. Mill-prosekutur, tista' tikseb traduzzjoni ta' deċiżjoni li ma ssirx prosekuzzjoni.

Fil-qorti, għandek id-dritt li tirċievi traduzzjoni tas-sentenza, ta' avviż dwar il-ħin u l-post tas-seduta tal-qorti u, jekk meħtieġ, ta' kwalunkwe dokument ieħor essenzjali għall-każ.

Kif tista' l-awtorità jiżgura li qed nifhem u li jien qed niġi mifhum (jekk jien minorenni; jekk għandi diżabbiltà)?

L-awtoritajiet għandhom jiżguraw li s-servizzi ta' interpretazzjoni huma disponibbli matul l-investigazzjoni ta' qabel il-proċess u l-proċess f'każ li inti tuża l-lingwa tas-sinjali jew jekk għandek bżonn interpretazzjoni minħabba difett sensorju jew fid-diskors.

Il-fuljett "Id-drittijiet ta' vittma ta' reat" huwa wkoll disponibbli f'lingwa faċli biex tinftiehem. Il-fuljett "Jekk Issir Vittma ta' Reat" huwa disponibbli kemm f'lingwa faċli biex tinftiehem kif ukoll f'lingwa tas-sinjali.

L-investigaturi ta' reati kontra t-tfal irċevew taħriġ speċjali, inkluż kif jinteraġixxu ma' minorenni u kif jintervistawh fi proċedimenti kriminali. F'ċerti każijiet, il-minorenni jista' wkoll jiġi intervistat minn psikologu speċjalizzat fl-intervisti tat-tfal.

Is-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi

Min jagħti appoġġ lill-vittmi?

Jista' jkollok bżonn assistenza medika jew servizzi oħra ta' protezzjoni soċjali u kura tas-saħħa, bħal servizzi soċjali ta' emerġenza, trattament fi sptar jew riabilitazzjoni fiżika u mentali. Tista' tuża dawn is-servizzi bl-istess kundizzjonijiet bħall-klijenti l-oħra kollha.

Ħafna organizzazzjonijiet jipprovdu appoġġ, pariri u gwida lill-vittmi ta' reat. Is-servizz ta' Appoġġ għall-Vittmi fil-Finlandja (*Rikosuhripäivystys*) jipprovdi assistenza għal kull tip ta' reat u għal proċedimenti kriminali kif ukoll pariri rilevanti għad-drittijiet tal-vittmi. Jekk int vittma ta' vjolenza domestika, tista' tfittex protezzjoni u appoġġ minn xelters. F'xi lokalitajiet, appoġġ speċjali huwa disponibbli għall-vittmi ta' reati sesswali u nisa immigranti. Hemm sistema ta' assistenza separata għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin. Tista' taċċessa dawn is-servizzi b'ċerti kundizzjonijiet.

Tista' tikkuntatta s-servizzi ta' appoġġ anki jekk ma tirrapportax ir-reat. Bil-kunsens tiegħek, il-pulizija jew awtorità oħra ta' investigazzjoni kriminali jistgħu jgħaddu d-dettalji ta' kuntatt tiegħek lil servizz ta' appoġġ, li mbagħad jikkuntattjawk.

Il-pulizija se tibgħatni awtomatikament għand is-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi?

Jekk għandek bżonn protezzjoni speċjali jew jekk ikun meħtieġ mod ieħor min-natura tar-reat jew miċ-ċirkostanzi personali tiegħek, il-pulizija, bil-kunsens tiegħek, tgħaddi d-dettalji ta' kuntatt tiegħek lil organizzazzjoni ta' appoġġ. Il-pulizija għandha tgħidlek dwar l-appoġġ disponibbli għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin u, bil-kunsens tiegħek, tipproponi li tiddaħħal fis-sistema ta' assistenza għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin.

Kif tiġi protetta l-privatezza tiegħi?

Sabiex tiproteġi l-privatezza tiegħek, il-qorti tista', f'ċerti kundizzjonijiet, tisma' l-kawża mingħajr il-preżenza tal-pubbliku u tordna li d-dokumenti tal-proċess u s-sentenza jinżammu sigrieti sal-limitu meħtieġ. Tista' titlob dan mill-qorti. F'xi każijiet, il-qorti tista' tordna wkoll li l-identità tiegħek tinżamm sigrieta. Dan japplika għal reati bħal reati sesswali.

Għandi nirrapporta reat qabel ma jista' jkollu aċċess għal servizzi ta'

appoġġ għall-vittmi?

Le, ma għandekx.

Il-protezzjoni personali jekk inkun f'periklu

X'tipi ta' protezzjoni hemm disponibbli?

F'xi każijiet, tista' tkun interrogat fil-proċess wara skrin, permezz ta' link b'vidjo jew mingħajr ma jkun preżenti t-trażgressur jew il-pubbliku. Meta tkun interrogat, f'xi każijiet tista' tkun irrekordjat bil-vidjo u r-rekordjar jista' mbagħad jintuża bħala evidenza fil-proċess, pereżempju jekk għandek inqas minn 18-il sena.

Sabiex tippoteġi l-privatezza tiegħek, il-qorti tista', f'ċerti kundizzjonijiet, tisma' l-kawża mingħajr il-preżenza tal-pubbliku u tordna li d-dokumenti tal-proċess u s-sentenza jinżammu sigrieti sal-limitu meħtieġ. Tista' titlob dan mill-qorti. F'xi każijiet, il-qorti tista' tordna wkoll li l-identità tiegħek tinżamm sigrieta. Dan japplika għal reati bħal reati sesswali.

Il-qorti dejjem tikkunsidra l-arranġamenti tal-proċess u l-miżuri ta' protezzjoni fuq bażi ta' każ b'każ, filwaqt li tqis il-fatt li d-drittijiet tad-difiża ma għandhomx ikunu ristretti. Id-deċiżjoni tal-qorti tista' għalhekk tkun differenti minn valutazzjoni preċedenti.

F'sitwazzjonijiet ta' theddid serju, tista' titlob li ma jiġux żvelati d-dettalji ta' kuntatt tiegħek, u li ma tiġix żvelata, għal raġunijiet ta' sigurtà personali, ordni ta' trażżin jew saħansitra l-bidla tal-isem jew il-kodiċi ta' identità personali tiegħek. Fl-aktar każijiet serji, tista' tkun ammess fi programm għall-protezzjoni tax-xhieda. Aktar informazzjoni hija disponibbli mill-awtoritajiet jew mis-servizzi ta' appoġġ. Jekk inti protett b'ordni ta' trażżin u tmur tgħix fi Stat Membru ieħor tal-UE u tħoss li hemm bżonn ta' protezzjoni hemmhekk ukoll, tista' titlob lill-qorti li ħarġet l-ordni ta' trażżin oriġinali biex toħroġ Ordni Ewropea ta' Protezzjoni.

Jekk int vittma ta' vjolenza domestika jew tinsab f'riskju, l-awtoritajiet jistgħu flimkien ifasslu pjan ta' sigurtà għalik bħala parti minn Konferenza Multi-Aġenzija għall-Valutazzjoni tar-Riskju (Multi-Agency Risk Assessment Conference, MARAC).

Jekk int vittma tat-traffikar tal-bnedmin, għandek id-dritt għal akkomodazzjoni sikura, li jista' jinvolvi arranġamenti speċjali ta' sigurtà f'livelli differenti biex tiġi żgurata akkomodazzjoni sikura għalik. F'sitwazzjonijiet aktar serji, is-sigurtà tiegħek tista' tiġi żgurata f'unità tal-akkomodazzjoni sikura speċjali, kif ukoll permezz ta' apparat tekniku jew servizzi ta' sigurtà. Fl-aktar sitwazzjonijiet serji, tista' tkun ammess fi programm għall-protezzjoni tax-xhieda. Is-sistema ta' assistenza għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin hija mħaddma mill-awtoritajiet u, jekk meħtieġ, tintuża biex tgħin lill-pulizija tippoteġik.

Min jista' joffrili protezzjoni?

Il-pulizija tevalwa l-ħtieġa tiegħek għall-protezzjoni u l-miżuri meħtieġa jekk tkun taħt theddida. L-awtorità li tiddeċiedi dwar il-protezzjoni tiddependi fuq il-miżuri inkwistjoni (ara hawn fuq). Aktar informazzjoni dwar il-miżuri ta' protezzjoni hija disponibbli mill-awtoritajiet jew mis-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi.

Xi ħadd se jivvaluta l-każ tiegħi biex jara jekk għadnix fil-periklu mit-trażgressur?

L-awtoritajiet jivvalutaw il-ħtiġijiet ta' protezzjoni speċifiċi tiegħek matul l-investigazzjoni ta' qabel il-proċess u l-proċess u jiddeterminaw il-miżuri ta' protezzjoni meħtieġa. L-iskop tal-miżuri ta' protezzjoni huwa li jipproteġuk minn tbatija addizzjonali, intimidazzjoni jew ritaljazzjoni matul l-investigazzjoni u l-proċess. Il-valutazzjoni ssir flimkien miegħek, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi personali tiegħek kif ukoll in-natura tar-reat.

Xi ħadd se jivvaluta l-każ tiegħi biex jara jekk inix f'riskju ta' periklu ieħor

mis-sistema tal-ġustizzja kriminali (waqt l-investigazzjoni u l-proċess)?

L-awtoritajiet jivvalutaw il-ħtiġijiet ta' protezzjoni speċifiċi tiegħek matul l-investigazzjoni ta' qabel il-proċess u l-proċess u jiddeterminaw il-miżuri ta' protezzjoni meħtieġa. L-iskop tal-miżuri ta' protezzjoni huwa li jiproteġuk minn tbatija addizzjonali, intimidazzjoni jew ritaljazzjoni matul l-investigazzjoni u l-proċess. Il-valutazzjoni ssir flimkien miegħek, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi personali tiegħek kif ukoll in-natura tar-reat.

X'tip ta' protezzjoni hija disponibbli għall-vittmi vulnerabbli ħafna?

F'sitwazzjonijiet ta' theddid serju, tista' titlob li ma jiġux żvelati d-dettalji ta' kuntatt tiegħek, u li ma tiġix żvelata, għal raġunijiet ta' sigurtà personali, ordni ta' trażżin jew saħansitra l-bidla tal-isem jew il-kodiċi ta' identità personali tiegħek. Fl-aktar każijiet serji, tista' tkun ammess fi programm għall-protezzjoni tax-xhieda. Aktar informazzjoni hija disponibbli mill-awtoritajiet jew mis-servizzi ta' appoġġ.

Jien minorenni – għandi xi drittijiet speċjali?

Jekk int minorenni (taħt it-18-il sena), int vittma vulnerabbli u għalhekk jista' jkollok bżonn miżuri ta' protezzjoni speċjali. Tista' tkun protett billi l-intervista tiegħek tiġi rekordjata bil-vidjo matul l-investigazzjoni, pereżempju, u r-rekordjar mbagħad jintuża bħala evidenza fil-proċess.

Jekk inti minorenni, tista' tkun intitolat għal għajnuna legali bl-ispejjeż għall-istat. Jekk il-kustodju tiegħek huwa suspettat li wettaq reat kontra tiegħek, għandu jinħatar sostitut għal dak il-kustodju għalik għall-proċedimenti kriminali.

Jekk int vittma minorenni tat-traffikar tal-bnedmin, għandek id-dritt għas-servizzi tas-sistema ta' assistenza għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin. Jekk int vittma minorenni tat-traffikar tal-bnedmin mingħajr permess ta' residenza, dejjem jinħatar rappreżentant għalik jekk tkun il-Finlandja mingħajr kustodju jew rappreżentant legali ieħor. Jekk int vittma minorenni tat-traffikar tal-bnedmin u int ċittadin Finlandiż jew għandek permess ta' residenza, jista' jinħatar sostitut għal kustodju għalik. Jekk l-investigazzjoni kriminali tinbeda fil-Finlandja, bħala minorenni, tista' tkun intitolat għal konsulent legali iffinanzjat mill-istat.

Membru tal-familja tiegħi miet kaġun tar-reat - x'inhuma drittijiet?

Meta reat jirriżulta fil-mewt tal-vittma, il-membri tal-familja tal-vittma, kif definiti mil-liġi, jkunu fil-pożizzjoni tal-parti li sofriet dannu, jiġifieri l-vittma. Imbagħad dawn ikollhom l-istess drittijiet bħal vittmi oħra ta' reati.

Membru tal-familja tiegħi kien vittma ta' reat - x'inhuma drittijiet?

Il-membri tal-familja tal-vittma għandhom aċċess ukoll għal servizzi ta' appoġġ għall-vittmi.

Wild minuri ta' persuna traffikata fil-Finlandja jista' jkun inkluż ukoll fis-sistema ta' assistenza għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin.

Jista' jkollu aċċess għas-servizzi ta' medjazzjoni? X'inhuma l-kundizzjonijiet? Se nkun sikur waqt il-medjazzjoni?

Il-medjazzjoni tista' tintuża f'materji kriminali jekk il-vittma kif ukoll it-trażgressur suspettat jagħtu l-kunsens tagħhom għaliha. Rekwiżiti addizzjonali huma li l-persuna suspettata tikkonferma l-andament ġenerali tal-avvenimenti u li l-medjazzjoni hija fl-aħjar interessi tal-vittma. Il-medjazzjoni hija mingħajr ħlas, kunfidenzjali u dejjem volontarja, u tista' tagħżel li ttemmha fi kwalunkwe stadju. Il-medjaturi volontarji m'ħarrġa jgħinu lill-partijiet f'każ kriminali biex jiddiskutu l-avveniment u jaqblu dwar il-kumpens għal telf jew ħsara kkawżata mir-reat. Dan is-servizz huwa disponibbli fl-uffiċċji tal-medjazzjoni madwar il-pajjiż.

Il-partijiet involuti fil-medjazzjoni ġeneralment ikollhom id-dritt għal avukat jew persuna ta' appoġġ fil-laqgħat tal-medjazzjoni. Il-medjaturi, taħt il-gwida ta' professjonisti, jivvalutaw u jiżguraw kuntatt sikur bejn il-partijiet fil-kunflitt u jistgħu, jekk ikun meħtieġ, jissospendu l-proċess. Il-medjazzjoni għandha tiġi sospiża jekk kwalunkwe

parti tirtira l-kunsens tagħha jew ikun hemm raġuni biex wieħed jemmen li l-kunsens ma ngħatax liberament.

Fejn nista' nsib il-liġi li tistipula d-drittijiet tiegħi?

Il-liġijiet ewlenin dwar id-drittijiet tal-vittmi fi proċedimenti kriminali jinkludu l-Att dwar l-Investigazzjonijiet Kriminali (*Esitutkintalaki*, 805/2011) u l-Att dwar il-Proċedura Kriminali (*Laki oikeudenkäynnistä rikosasioissa*, 689/1997). Id-dritt għall-assistenza lill-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin huwa regolat mill-Att dwar l-Akkoljenza ta' Persuni li Japplikaw għal Protezzjoni Internazzjonali u dwar l-Identifikazzjoni u l-Assistenza lill-Vittmi tat-Traffikar tal-Bnedmin (*Laki kansainvälistä suojelua hakevan vastaanotosta sekä ihmiskaupan uhrin tunnistamisesta ja auttamisesta*, 746/2011). Dawn il-liġijiet u oħrajn jistgħu jinstabu online fuq <https://www.finlex.fi/en/>.

L-aħħar aġġornament: 09/07/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

2 - Ir-rappurtar ta' reat u d-drittijiet tiegħi waqt l-investigazzjoni jew il-proċess

Int parti fil-proċedimenti tal-qorti jekk titlob piena jew kumpens għal reat kriminali. Tista' tiġi interrogat ukoll għall-fini ta' smiġħ ta' provi.

Jekk il-prosekutur iddeċieda li ma ssirx prosekuzzjoni, għandek id-dritt li tressaq l-akkużi int stess.

Kif nista' nirrapporta reat?

Tista' tirrapporta reat lill-pulizija fil-post fejn seħħ ir-reat, f'għassa tal-pulizija jew, fil-każ ta' kontravvenzjonijiet, online jew bit-telefon. Għandek id-dritt li tirċievi konferma bil-miktub tar-rapport tar-reat tiegħek.

Kif nista' nsir naf x'qed jiġri dwar il-każ?

Il-pulizija tipprovdi lek dettalji ta' kuntatt biex issewgi l-każ.

Għandi dritt għal għajjnuna legali (matul l-investigazzjoni jew il-proċess)? B'liema kundizzjonijiet?

Għandek id-dritt għall-assistenza minn konsulent legali biex tirrapporta reat, tkun interrogat u waqt il-proċess. Il-konsulent għandu jkun avukat, jew avukat tal-għajjnuna legali pubblika jew konsulent legali liċenzjat.

Dawk li jaqilgħu dħul baxx u medju jistgħu jkunu intitolati għal għajjnuna legali ffinanzjata mill-istat. F'każijiet bħal dawn, it-tariffa tal-konsulent titħallas mill-istat parzjalment jew kompletament. Tista' tapplika għal għajjnuna legali f'uffiċċju ta' għajjnuna legali pubblika jew permezz ta' servizz elettroniku. Tista' wkoll titlob lil ditti legali biex japplikaw għall-għajjnuna legali f'ismek.

Il-qorti tista' taħtar konsulent legali u persuna ta' appoġġ għalik fil-każ ta' vjolenza domestika, reati sesswali jew reati serji kontra ħajtek, saħħtek jew il-libertà tiegħek. F'każijiet bħal dawn, l-istat iħallas it-tariffa irrispettivament mid-dħul tiegħek.

Nista' nitlob lura l-ispejjeż (biex nieħu sehem fl-investigazzjoni/fil-proċess)? B'liema kundizzjonijiet?

Jekk ġejt imħarrek biex tidher quddiem il-qorti biex tiċċara l-fatti tal-kawża, int intitolat li tirċievi l-ispejjeż tal-ivvjaġġar li ħallast biex tattendi l-qorti mill-istat. Tista' tirċievi allowance ta' kuljum, spejjeż tal-ivvjaġġar u kumpens għal telf finanzjarju.

Nista' nappella jekk il-każ tiegħi jingħalaq qabel ma mmur il-qorti?

Kwerela dwar id-deċiżjoni tal-prosekutur li ma ssirx prosekuzzjoni tista' tiġi ppreżentata lill-Prosekutur Ġenerali, li għandu d-dritt li jinnotifika att ta' akkuża ġdid.

Nista' nkun involut fil-proċess?

Iva, tista' tkun involut fil-proċess bħala parti fil-proċedimenti. Int parti fil-proċedimenti tal-qorti jekk titlob piena jew kumpens għal reat kriminali. Tista' taqbel mal-digriet kriminali tal-prosekutur jew tista' titlob xi pieni oħra. Tista' tfittex kumpens mill-akkużat int stess, jew il-prosekutur jista' jkun li segwa t-talba f'ismek.

X'inhu r-rwol uffiċjali tiegħi fis-sistema ġudizzjarja? Pereżempju, jien nista' nkun jew nista' nagħżel li nkun: vittma, xhud, parti ċivili jew prosekutur privat?

Int parti fil-proċedimenti tal-qorti jekk titlob piena jew kumpens għal reat kriminali. Tista' tiġi interrogat ukoll għall-fini ta' smiġħ ta' provi.

Jekk il-prosekutur iddeċieda li ma ssirx prosekuzzjoni, għandek id-dritt li tressaq l-akkużi int stess.

X'inhuma d-drittijiet u l-obbligi tiegħi f'dan ir-rwol?

Jekk dan ikun meħtieġ, tista' tkun obligat li tidher personalment fil-qorti biex jiġu ċċarati l-fatti tal-kawża. F'dan il-każ, int intitolat għal kumpens mill-istat għall-ispejjeż imġarrba.

Matul il-proċess, għandek dejjem tgħid il-verità.

Nista' nagħmel dikjarazzjoni jew nixhed waqt il-proċess? B'liema kundizzjonijiet?

Jekk inti parti fil-proċedimenti, għandek id-dritt li tixhed. Fis-seduta ta' smiġħ ewlenija, tkun tista' tippreżenta t-talba tiegħek u r-raġunijiet tagħha, tixhed u tagħmel dikjarazzjoni finali, li fiha tista' tiddikjara l-opinjoni tiegħek rigward il-ħtija tal-akkużat u l-piena li għandha tiġi imposta.

X'informazzjoni se nirċievi waqt il-proċess?

Inti tiġi mħarrek għas-seduta ta' smiġħ ewlenija jekk il-preżenza tiegħek tkun meħtieġa biex tiċċara l-fatti tal-kawża jew jekk tkun infurmat lill-qorti li beħsiebek tippreżenta talbiet li mhumiex segwiti mill-prosekutur.

Għandek id-dritt li tkun infurmat, b'talba tiegħek, dwar il-ħin u l-post tas-seduta tal-qorti kif ukoll il-verdett mogħti f'kawża kriminali.

Jista' jkolli aċċess għall-fajls tal-Qorti?

Iva. Jekk inti parti fil-proċedimenti, għandek l-istess dritt li taċċessa l-fajls tal-qorti bħall-akkużat. Bħala regola, għandek id-dritt li tkun infurmat dwar il-kontenut tad-dokumenti tal-proċess, anki dawk li mhumiex fid-dominju pubbliku.

■ L-aħħar aġġornament: 09/07/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

3 - Id-drittijiet tiegħi wara l-proċess

Nista' nappella kontra s-sentenza?

Tista' tappella kontra s-sentenza ta' qorti distrettwali (*kärājäoikeus*) quddiem qorti tal-appell (*hovioikeus*). Bħala regola ġenerali, tkun teħtieġ awtorizzazzjoni għal kunsiderazzjoni ulterjuri sabiex qorti tal-appell tipproċessa l-kawża bis-sħiħ.

Appell kontra sentenza minn qorti tal-appell jista' jsir quddiem il-Qorti Suprema (*korkein oikeus*). Ikkollok bżonn permess biex tappella quddiem il-Qorti Suprema. Dan jingħata biss skont il-kundizzjonijiet stabbiliti bil-liġi.

X'inhuma drittijeti wara s-sentenza?

F'każ ta' xi reati serji, tista' titlob li tkun infurmat dwar il-ħelsien tat-trażgressur mill-ħabs jew mill-arrest preventiv (ara hawn taħt).

Jien intitolat għal appoġġ jew protezzjoni wara l-proċess? Għal kemm żmien?

L-organizzazzjonijiet ta' appoġġ għall-vittmi jipprovdu appoġġ u pariri anki wara l-proċess

għat-tul ta' żmien meħtieġ. F'każijiet ta' vjolenza domestika, jitfassal pjan ta' sigurtà bħala parti minn Valutazzjoni tar-Riskju li tinvolvi diversi aġenziji (Multi-Agency Risk Assessment). Dan mhux marbut mat-tmiem tal-proċess.

Jekk int vittma tat-traffikar tal-bnedmin, id-dritt tiegħek għal assistenza speċjali mis-sistema ta' assistenza għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jieqaf jekk il-proċedimenti kriminali jintemmu mingħajr ħadd ma jkun ikkundannat għat-traffikar tal-bnedmin b'deċiżjoni finali tal-qorti.

X'informazzjoni nista' ningħata jekk it-trażgressur jiġi kkundannat?

Għandek id-dritt li tkun infurmat, b'talba tiegħek, dwar is-sentenza f'kawża kriminali. Is-sentenza tal-kawża tindika s-sentenza mogħtija lill-akkużat, inkluż it-terminu ta' priġunerija.

Il-partijiet fil-proċedimenti kriminali jirċievu kopja tas-sentenza. Ma jgħidulekx f'liema ħabs jista' jintbagħat it-trażgressur.

Se nkun infurmat jekk it-trażgressur jinħeles (inkluż ħelsien kmieni jew kundizzjonali) jew jaħrab mill-ħabs?

F'każ ta' xi reati serji, tista' titlob li tkun infurmat jekk it-trażgressur jinħeles mill-ħabs jew mill-arrest preventiv, jaħrab, jew, f'ċerti kundizzjonijiet, b'mod ieħor jitlaq mill-ħabs. Jekk tixtieq tkun notifikat, għandek tavża lill-awtorità tal-investigazzjoni ta' qabel il-proċess jew lill-prosekutur. L-awtorità tal-investigazzjoni tipprovdi aktar informazzjoni.

Tiġi infurmat biss jekk ikun maħsub li dan mhux se joħloq riskju għall-ħajja jew għas-saħħa tal-priġunier jew ta' xi ħadd f'arrest preventiv.

Se nkun involut dwar deċiżjonijiet biex jinħeles jew biex jingħata libertà kondizzjonali? Pereżempju, nista' nagħmel dikjarazzjoni jew inressaq appell?

Le, ma għandekx dan id-dritt.

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

4 - Kumpens

X'inhom l-proċedura biex nitlob kumpens mingħand it-trażgressur? (pereż. kawża fil-qorti, kawża ċivili, talba għad-danni)

Talbiet għal kumpens għal reat kriminali ġeneralment jiġu ttrattati bħala parti mis-seduta ta' smiġħ ta' kawża kriminali fl-istess proċess. Għandek tinnotifika lill-pulizija dwar l-intenzjoni tiegħek li tressaq talba għad-danni, matul l-investigazzjoni ta' qabel il-proċess jew, mill-inqas, fil-qorti.

Tista' titlob lill-prosekutur biex jippreżenta t-talba tiegħek għal kumpens għar-reat inkwistjoni fil-qorti. Hija idea tajba li tinforma lill-pulizija b'dan matul l-investigazzjoni ta' qabel il-proċess. Il-prosekutur jista' jsegwi t-talba għal kumpens f'ismek jekk il-kwistjoni hija ċara u sempliċi. Jekk il-prosekutur ma jippreżentax it-talba għal kumpens, huma jinnotifikawk bil-miktub.

Tista' wkoll tressaq it-talba tiegħek għad-danni quddiem il-qorti matul il-proċedimenti kriminali. Dan jista' jsir minn konsulent legali f'ismek.

Jekk meħtieġ, it-talba għad-danni tista' tiġi ttrattata wkoll fi proċedimenti ċivili separati. Tista' wkoll issegwi t-talba tiegħek bħala talba ċivili separata. Jekk it-talba tiegħek ma tiġix trattata flimkien mal-kawża kriminali, titħallas tariffa tal-qorti għall-proċedimenti.

Il-qorti ordnat lit-trażgressur biex iħallasni għad-danni/jagħtini kumpens. Kif nista' niżgura li t-trażgressur iħallasni?

Jekk it-trażgressur jonqos milli jħallas volontarjament skont id-deċiżjoni tal-qorti, is-sentenza tista' tiġi eżegwita permezz ta' eżekuzzjoni. L-eżekuzzjoni ma tinbediex awtomatikament. Għandek tressaq talba għall-eżekuzzjoni mal-awtorità tal-eżekuzzjoni u tehmeż magħha d-deċiżjoni tal-qorti.

Ma tistax titlob kumpens mit-trażgressur għal kwalunkwe ammont li rċevejt bħala kumpens mill-Istat mit-Teżor tal-Istat għall-istess telf jew dannu.

Jekk it-trażgressur ma jħallasx, l-istat jista' jħallasni bil-quddiem? B'liema kundizzjonijiet?

Ma għandekx għalfejn titlob kumpens mit-trażgressur sabiex tirċievi kumpens minn fondi tal-istat. Madankollu, għandek tippreżenta talba għal kumpens lit-trażgressur fil-proċess.

Għandi dritt għal kumpens mingħand l-Istat?

Jekk inti (jew qarib tiegħek) tkun vittma ta' reat fil-Finlandja, tista' titħallas kumpens mill-fondi tal-istat għal dannu personali u tbatija kkawżati mir-reat. Għandek tirrapporta r-reat lill-pulizija sabiex titlob kumpens.

Jekk il-każ kriminali jinstema' quddiem qorti, għandek tftitex konferma tad-dritt tiegħek għal kumpens permezz ta' sentenza. Dan ifisser li għandek tippreżenta talba għal kumpens kontra it-trażgressur matul il-proċedimenti tal-qorti. Il-kumpens għal ħsara kriminali ġeneralment ma jiħallasx jekk tonqos milli tissodisfa dan l-obbligu.

Għandek titlob kumpens fi żmien tliet snin mid-data meta tingħata sentenza b'saħħa legali f'kawża għal kumpens. Jekk il-każ ma jinstemgħax quddiem qorti, il-kumpens għandu jintalab fi żmien għaxar snin mid-data meta twettaq ir-reat. Dawn id-dati ta' skadenza huma flessibbli biss f'ċirkostanzi speċjali.

It-talba tiegħek għal kumpens tiġi pproċessata mit-Teżor tal-Istat. Tista' tibgħat it-talba tiegħek b'mod elettroniku lil rikosvahingot@valtiokonttori.fi jew inkella tistampa l-formola u tibgħatha bil-posta lil: Valtiokonttori, PL 50, 00054 Valtiokonttori.

Jien intitolat għal kumpens jekk it-trażgressur ma jinstabx ħati?

Tista' tapplika għal kumpens anki jekk it-trażgressur ma jkunx ġie identifikat. Għandek tehmeż kopja tar-rapport tal-pulizija mill-investigazzjoni ta' qabel il-proċess, jew evidenza oħra affidabbli tal-avvenimenti, mat-talba tiegħek għal kumpens.

Int intitolat ukoll għal kumpens jekk it-trażgressur ikun ġie identifikat iżda ma jinstabx ħati minħabba li t-trażgressur ikollu inqas minn 15-il sena jew ma jkollux responsabbiltà kriminali.

Għandi dritt għal pagament ta' emerġenza waqt li qed nistenna li tiġi deċiża t-talba għall-kumpens tiegħi?

Tista' tippreżenta rikors bil-miktub għal pagament tal-kumpens bil-quddiem jekk dan ikun meħtieġ. Pagament tal-kumpens bil-quddiem jista' jsir jekk l-ipproċessar tal-kawża għal kumpens tiegħek jittardja għal raġunijiet lil hinn mill-kontroll tiegħek u tkun intitolat għal ammont sinifikanti ta' kumpens.

■ L-aħħar aġġornament: 09/07/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

5 - Id-drittijiet tiegħi f'dak li għandu x'jaqsam ma' appoġġ u assistenza

Jiena vittma ta' reat, lil min għandi nikkuntattja għall-appoġġ u l-assistenza?

[Appoġġ għall-vittmi kollha ta' reat](#)

- Servizz ta' Appoġġ għall-Vittmi fil-Finlandja (*Rikosuhripäivystys*), tel.: 116 006

[Servizzi ta' xelter għall-vittmi ta' vjolenza domestika](#)

[Servizz ta' xelter online \(*Nettiturvakoti*\)](#)

[Ċentri ta' Appoġġ SERI għall-vittmi ta' attakki sesswali](#) (ta' aktar minn 16-il sena):

- Helsinki, Turku, Tampere, Kuopio, Oulu

Ċentru ta' Kriżi f'każ ta' Stupru, Tukinainen

- tel. 0800 97899

[Tukinainen online \(*Nettitukinainen*\)](#)

Ċentru ta' Kriżi f'każ ta' Stupru, Tukinainen

[Sistema ta' assistenza għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin](#)

- Ċentru ta' Akkoljenza ta' Joutseno (*Joutsenon vastaanottokeskus*), tel. 029 54 63 177

Medjazzjoni

- uffiċċji ta' medjazzjoni:

[Medjazzjoni f'kawżi kriminali u ċivili](#)

[Medjazzjoni f'kawżi kriminali u ċivili \(bl-Ingliż\)](#)

[Pulizija](#)

- emerġenzi: ċempel 112 (numru tat-telefon ta' emerġenza)

[Għajnuna legali](#)

[Kumpens li jitħallas minn fondi tal-istat għal danni kriminali](#)

- Teżor tal-Istat, tel. 0295 50 2736

Il-hotline għall-appoġġ tal-vittmi

Servizz ta' Appoġġ għall-Vittmi fil-Finlandja, tel. 116 006

Nollalinja (24/7), tel. 080 005 005 (linja għall-għajnuna għall-vittmi ta' vjolenza domestika u għall-vittmi ta' vjolenza kontra n-nisa)

Ċentru ta' Kriżi f'każ ta' Stupru, Tukinainen, tel. 0800 97899 (vittmi ta' abbuż sesswali)

Sistema ta' assistenza għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin (24/7), tel. 029 54 63 177 (vittmi tat-traffikar tal-bnedmin)

L-appoġġ għall-vittmi huwa mingħajr ħlas?

L-appoġġ ipprovdut mill-organizzazzjonijiet ta' appoġġ għall-vittmi huwa mingħajr ħlas. Is-servizzi pprovduti minn xelters, ċentri ta' appoġġ għall-vittmi ta' attakk sesswali u s-sistema ta' assistenza għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin huma wkoll mingħajr ħlas għall-klijent.

X'tip ta' appoġġ nista' nirċievi mis-servizzi jew l-awtoritajiet tal-Istat?

Vittma ta' reat jista' jkollha bżonn assistenza medika jew servizzi oħra ta' protezzjoni soċjali u kura tas-saħħa, bħal servizzi soċjali ta' emerġenza, trattament fi sptar u riabilitazzjoni fiżika u mentali. Tista' tuża dawn is-servizzi bl-istess kondizzjonijiet bħall-klijenti l-oħra kollha.

Ix-xelters jipprovdu serħan immedjat mill-kriżi u akkomodazzjoni sigura 24 siegħa kuljum kif ukoll appoġġ psikosoċjali, pariri u konsulenza għas-sitwazzjoni akuta tiegħek. Dawn is-servizzi huma primarjament provduti lil individwi u familji li esperjenzaw vjolenza domestika jew theddida ta' vjolenza. Uħud mis-servizzi huma provduti minn organizzazzjonijiet. L-Istitut Finlandiż għas-Saħħa u l-Benesseri huwa responsabbli għall-organizzazzjoni ta' servizzi ta' xelter.

Is-sistema ta' assistenza għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin hija awtorità tal-istat li hija responsabbli biex tiżgura li d-drittijiet garantiti lill-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jiġu rispettati. Is-servizzi ta' appoġġ jinkludu akkomodazzjoni sigura, kura tas-saħħa, servizzi soċjali, allowance ta' akkoljenza jew assistenza soċjali, għajnuna legali u pariri, persuna ta' appoġġ għal proċedimenti kriminali, u servizzi ta' interpretazzjoni u traduzzjoni. Minbarra s-sistema ta' assistenza, l-organizzazzjonijiet jipprovdu wkoll assistenza lill-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin.

Għandek id-dritt għal assistenza minn konsulent legali biex tirrapporta reat, tkun interrogat u waqt il-proċess. Il-konsulent legali għandu jkun avukat, jew avukat tal-għajnuna legali pubblika jew konsulent legali liċenzjat.

Dawk li jaqilgħu dħul baxx u medju jistgħu jkunu intitolati għal għajnuna legali ffinanzjata mill-istat. F'każijiet bħal dawn, it-tariffa tal-konsulent legali titħallas mill-istat parzjalment jew kompletament. Tista' tapplika għal għajnuna legali f'uffiċċju ta' għajnuna legali pubblika jew permezz ta' servizz elettroniku. Tista' wkoll titlob lil ditti legali biex japplikaw għal għajnuna legali f'ismek.

Il-qorti tista' taħtar konsulent legali u persuna ta' appoġġ għalik f'każ ta' vjolenza domestika, reati sesswali jew reati serji kontra ħajtek, saħħtek jew il-libertà tiegħek. F'każijiet bħal dawn, l-istat iħallas it-tariffa irrispettivament mid-dħul tiegħek.

Tista' tingħata assistenza minn persuna ta' appoġġ fi stadji differenti tal-proċedimenti kriminali. Tista' titlob lil min tixtieq biex ikun il-persuna ta' appoġġ tiegħek. Il-persuna ta' appoġġ tista' takkumpanjak għal seduti ta' smiġħ u sessjonijiet tal-qorti, iżda l-preżenza tagħhom tista' tkun ristretta f'ċerti ċirkostanzi. Is-Servizz ta' Appoġġ għall-Vittmi fil-Finlandja jista' jipprovdu persuna ta' appoġġ imħarrġa mingħajr ħlas. Is-servizzi ġenerali ta' appoġġ għall-vittmi pprovduti mis-Servizz ta' Appoġġ għall-Vittmi fil-Finlandja huma ffinanzjati mill-Ministeru għall-Ġustizzja u huma soġġetti għal obbligu ta' servizz pubbliku.

X'tip ta' appoġġ nista' nirċievi minn organizzazzjonijiet mhux governattivi?

Ħafna organizzazzjonijiet jipprovdu appoġġ, pariri u gwida lill-vittmi ta' reat. Is-Servizz ta' Appoġġ għall-Vittmi fil-Finlandja jipprovdi assistenza għat-tipi kollha ta' reati u proċedimenti kriminali kif ukoll pariri rilevanti għad-drittijiet tal-vittmi. Il-vittmi ta' vjolenza domestika jistgħu jfittxu protezzjoni u appoġġ minn xelters. L-għajnuna hija disponibbli wkoll permezz ta' linji għall-għajnuna u servizzi ta' kura fil-komunità. F'xi lokalitajiet, appoġġ speċjali huwa disponibbli għal vittmi ta' reati sesswali u għal nisa immigranti, kif ukoll appoġġ mill-pari għall-familji ta' vittmi ta' omiċidju.

Servizzi ta' appoġġ iprovduti minn organizzazzjonijiet

[Servizz ta' Appoġġ għall-Vittmi fil-Finlandja](#)

Appoġġ għall-vittmi kollha ta' reati, inklużi x-xhieda u l-membri tal-familja tal-vittma. Assistenza u pariri dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-vittmi fi proċedimenti kriminali. Linja għall-għajnuna nazzjonali, linja għall-għajnuna legali, servizz ta' appoġġ online. Servizzi ta' appoġġ għall-persuni fuq bażi reġjonali.

- linja għall-għajnuna 116 006 (mingħajr ħlas)
- linja għall-għajnuna legali 0800 161 177 (mingħajr ħlas)

[Nollalinja](#)

Linja għall-għajnuna 24 siegħa kuljum għall-vittmi ta' vjolenza domestika u ta' vjolenza fuq in-nisa, tel. 080 005 005 (mingħajr ħlas)

[Federazzjoni ta' Djar u Xelters għall-Ommijiet u t-Tfal \(*Ensi- ja turvakotien liitto*\)](#)

Xelters għal persuni li jesperjenzaw vjolenza domestika jew theddida ta' vjolenza u li għandhom bżonn appoġġ għall-irkupru kif ukoll akkomodazzjoni temporanja. Is-servizzi tal-kura fil-komunità jiprovdu appoġġ għar-riżoluzzjoni tas-sitwazzjoni kkawżata mill-vjolenza domestika u tingħeleb il-kriżi. Parir bit-telefon, taħdita ma' professjonist fil-vjolenza domestika, grupp ta' pari igwidat jew għajxien assistit.

[Servizz ta' Xelter Online](#)

Servizz online miżmum mill-Federazzjoni ta' Djar u Xelters għall-Ommijiet u t-Tfal; jgħin lill-partijiet kollha involuti f'relazzjonijiet vjolenti.

[Ċentru ta' Kriżi f'każ ta' Stupru, Tukinainen](#)

Jiprovdi appoġġ u gwida għal persuni li ġew attakkati u/jew abbużati sesswalment, kif ukoll għall-familji tagħhom. Servizz ta' għajnuna online.

- linja għall-għajnuna ta' kriżi: tel. 0800 97899 (mingħajr ħlas)

- linja għall-għajnuna legali: tel. 0800 97895 (mingħajr ħlas)

[MONIKA – Assoċjazzjoni tan-Nisa Multikulturali, il-Finlandja](#)

Servizzi ta' aċċess faċli, pariri legali u akkomodazzjoni ta' xelter għal nisa u tfal immigranti li qed isofru vjolenza. L-għajnuna hija disponibbli f'diversi lingwi; servizzi ta' appoġġ għall-persuni huma pprovduti wkoll.

- linja għall-għajnuna 0800 05058 (mingħajr ħlas)

- Xelter Mona, tel. 045 639 6274 (24/7)

[Linja għan-Nisa \(Naisten Linja\)](#)

Pariri u appoġġ lil nisa u bniet imħassba dwar il-vjolenza. L-informazzjoni hija disponibbli online u bit-telefon.

- tel. 0800 02400 (mingħajr ħlas)

[Pro-tukipiste](#)

Servizzi ta' saħħa u appoġġ għal nies li jaħdmu fl-industrija sesswali jew erotika u vittmi tat-traffikar tal-bnedmin.

[HUOMA Henkirikoksen uhrien läheiset ry \(Assoċjazzjoni għall-membri tal-familja ta' vittmi ta' omiċidju\)](#)

Appoġġ mill-pari għall-membri tal-familja ta' vittmi ta' omiċidju.

- tel. 050401 2230

<https://www.huoma.fi/>

[MIELI Suomen Mielenterveys ry \(is-Saħħa Mentali fil-Finlandja\)](#)

Għajnuna għall-kriżijiet tal-ħajja.

- linja għall-għajnuna għal kriżi 09 2525 0111 (24 siegħa kuljum)

[Suvanto Suvanto ry – Turvallisen vanhuuden puolesta \(Għal Età Anzjana Sikura\)](#)

Għajnuna, appoġġ mill-pari u parir legali għal anzjani kontra abbuż u vjolenza.

- Linja għall-għajnuna SUVANTO 0800 06776 (mingħajr ħlas)

■ L-aħħar aġġornament: 09/07/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.